Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 407 / 2017

Il-Pulizija

Vs

Tammy Arpa

Illum 28 ta' Frar, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Tammy Arpa detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 535291 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-13 ta' Mejju, 2017 ghall-habta ta' 18.00hrs, f' dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Irrifjutat li taghti access lil wild taht il-kustodja taghha lil Jon Clay Used, hekk kif ordnata mill-Qorti jew hekk kif marbuta bil-kuntratt minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-9 t' Ottubru, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 338 (II) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-qorti sabet lill-imsemmija imputata hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatha ghal gimgha detenzjoni.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanta Tammy Arpa, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-19 t' Ottubru, 2017, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza fuq indikata tad-data 9 ta' Ottubru 2017 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u konsegwentement tilliberha minn kull imputazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u dan jinsab fil-fatt illi bir-rispett kollu, l-ewwel Qorti m' ghamlitx aprezzament tajjeb tal-fatti kif irrizultaw mill-provi prodotti. Illi di piu l-piena karcerarja hija wahda eccessiva specjalment ghall-omm li ghandha tarbija tat-twelid u li trid tiehu hsieb it-tarbija taghha flimken mal-minuri fi kwistjoni li ghad ghandha biss sitt snin u tiddependi kompletament fuq ommha l-appellanta.

Illi di piu kien l-appellat stess fil-Qorti li stqarr li kien ilu ma jara lill-bintu ghall-diversi xhur u ghalhekk wiehed ma jistax jippretendi li l-access huwa hemm sabiex jikkomoda l-persuna li jerzercita l-access sabiex unilateralment meta jkun komdu hu jaqbad u jmur ghall-minuri skond id-digriet tal-Onorabbli Qorti li jirregola l-access.

Illi madankollu l-appellanta ma kellha l-ebda intenzjoni sabiex tikser kwalunkwe digriet li nghatat minn l-Onorabbli Qorti izda min-naha l-ohra l-appellanti kienet ikkoncernata bi stat psikologika tal-minuri minn l-ahhar darba li gie ezercitat l-access da parti ta' missierha fi fond, liema fond ma tafx fejn hu ghax il-missier qieghed jirrifjuta jivversa d-dettalji tal-fond fejn ha tkun it-tifla u dana fejn giet soggettata ghal horror films bil-konsegwenza ta' liema baqghet impressjonata u di piu permezz ta' l-istess insemmi attegjament t-tifla spiccat b' impatt li sahansitra anke qieghed jaffettwa l-attegjament taghha fil-hajja ta' kuljum.

Illi mandakollu skond ic-cirkostanzi tal-kaz in kwistjoni l-piena ta' detenzjoni hija wahda wisq harxa.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellanti tintenta timpunja d-decizjoni appellata fuq zewg binarja, bl-ewwel aggravvju jolqot l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti billi tishaq illi hija kellha raguni valida 'il ghala cahhdet lil missier mill-access ghal bintu u fit-tieni lok tilmenta illi l-piena inflitta ta' gimgha detenzjoni kienet wahda eccessiva tenut kont illi hija omm ta' zewg ulied inkluza tarbija.

Issa gie kostantement ritenut illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri u li dan ghandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali li jikkonvincu l-Qorti ta' revizjoni li l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti kien tant zbaljat li altrimenti tkun ser tigi kkrejata ingustizzja. Issa f'dan il-kaz l-appellanti tishaq illi kienet tezisti dik il-kawza xierqa u gusta li wasslitha sabiex ma tosservax id-digriet tal-Qorti fil-jum indikat fl-akkuza tat-13 ta' Mejju 2017, billi hi b'mod generali qatt ma cahhdet lil missier il-minuri l-access kif ordnat u dan fit-termini ta'l-artikolu 338(ll) tal-Kap.9. Illi din il-Qorti kellha okkazzjoni tisma l-verzjonijiet ta' dawn iz-zewg genituri.

Illi b'digriet tal-Qorti tal-Familja tas-06 ta' Mejju 2014, jidher illi fit-termini ta' ftehim milhuq bejn il-ko-litganndi, il-genituri kellhom kura u kustodja kongunta tal-minuri binthom Maya. Il-minuri, madanakollu kellha tibqa tirrisjedi mal-omm bil-missier ikollu access liberu ghall-istess hlief meta jkun hemm disgwid bejn dawn iz-zewg genituri. Jidher illi fil-fatt dan id-disgwid sfortunatament immaterjalizza ruhu bejn din il-koppja biex b'hekk l-access beda jigi ezercitat fit-termini ta' klawsoli numru 6 et. seq ta' dan il-ftehim kif approvat bil-Qorti bil-missier ghalhekk ikollu access ghal minuri kull nhar ta' Tnejn u l-Erbgha mill-erbgha sat-tmienja ta' fil-ghaxija u alternattivament kull gimgha, mill-Gimgha ghas-Sibt jew mis-Sibt ghall-Hadd, bejn is-sitta ta' fil-ghaxija sas-sitta tal-ghada fil-ghaxija. Illi l-jum tat-13 ta' Mejju 2017, u cioe' il-jum indikat fl-akkuza inzerta kien il-jum tas-Sibt biex b'hekk jidher illi dak

in-nhar il-missier kellu ikollu access mis-sitta ta' fil-ghaxija sal-ghada il-Hadd fis-sitta ta' fil-ghaxija.

L-appellanti tishaq illi hija cahhdet lil missier mill-access ghal bintu ghal diversi ragunijiet fosthom billi l-access kien qed jigi ezercitat minnu rarament, ma kienx qed jipprovdielha indirizz fejn tkun il-minuri waqt il-hin ta'l-access u inoltre kien hemm okkazzjonijiet fejn il-minuri giet murija xi film tal-biza waqt il-hin tal-access u hi bdiet tibza' tmur ma' missierha billi din l-esperjenza halliet impatt negattiv fuqha.

Illi ibda biex jigi osservat illi *"l-paragrafu (ll) in dizamina ma jitkellimx dwar in-nuqqas ta' osservanza ta' xi kundizzjoni f'digriet ta' access; dak li hu penalizzat b'din id-disposizzjoni huwa biss in-nuqqas, minghajr raguni xierqa, li wiehed jaghti access meta, fost sitwazzjonijiet ohra, jkun gie ordnat li jaghti dak l-access[1]."*

Illi s-sentenza mogħtija fil- 25 ta' Lulju 1994 minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Il-Pulizija v. Carmen Tabone Reale kkwotat il-każ Kanadiż R. v. Arthurs, ex p. Port Arthur Shipbuilding Co (1967) fejn intqal *"'Just cause' does not mean the same as 'proper cause', 'proper' meaning only 'fit, apt, suitable' whereas 'just' has a wider meaning involving equitable considerations" … Għalhekk biex tara jekk kienx hemm raġuni xierqa, u speċjalment fil-kamp kriminali, il-Qorti trid twieżen l-interessi kollha ...".*

Ukoll *"l-paragrafu (ll) in dizamina jimporta element ta' positive obligation da parti ta' min ikollu l-kura u l-kustodja tal-minuri. Fi kliem iehor, ma hux bizzejjed li dak li jkun ma jfixkilx l-access tal-parti l-ohra (fil-kaz in dizamina, tar-ragel) izda hemm ukoll l-obbligu li l-parti li jkollha l-kura u l-kustodja "taghti access", espressjoni li timplika, fil-kazijiet kongruwi, li min ikollu l-kura u l-kustodja ghandu fizikament jikkonsenja il-wild lill-parti l-ohra.*

*Jizdied jinghad li kieku din il-Qorti ma kellhiex tinsisti fuq l-osservanza skrupoluza tal-ordni tal-qorti civili kompetenti, ikun ferm facli ghal min ikollu l-kura u l-kustodja tal-minuri li taht l-icken pretest jevita l-obbligu tieghu li "jaghti access".*[2]

[1] Il-Pulizija vs Etienne Mizzi App.Inf. 04/04/2003
[2] Il-Pulizija v. Natasha Theuma mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-8 ta' Gunju 2007

Spjanati ghalhekk dawn l-elementi ta' dritt marbuta mal-kontravvenzjoni in dizamina, ghandu johrog illi il-bizat ravvizati mill-omm u cioe' mill-appellanti ma jistghux jiswew lilha bhala raguni valida 'il ghala hija kellha iccahhad lil missier mill-access ghal bintu. Jekk fil-verita hija kellha dawn il-preokkupazzjonijiet kellha tadixxi lill-qorti kompetenti biex l-access jigi varjat. Fuq kollox il-kura u il-kustodja tal-minuri hija wahda kongunta bejn iz-zewg genituri u kwindi iktar u iktar l-appellanti ma setatx *marte proprio* tiddeciedi illi kellha izzomm lil missier milli iqatta' l-hin ma bintu meta huwa ghandu l-kustodja taghha ukoll flimkien ma'l-istess appellanti.

Mhux bizzejjed ghall-appellanti, kif tghallem il-gurisprudenza, li ma tfixkilx lill-kwerelanti mid-dritt tieghu ta'l-access, izda hija obbligata bid-digriet tal-Qorti li taghtih dak l-access u dan skont il-kundizzjonijiet indikati fl-istess digriet. Jekk hi kienet fl-impossibilita li tosserva dawk il-kundizzjonijiet kellha tadixxi lill-qorti kompetenti ghal varjazzjoni ta'l-istess. Nuqqas allura li tosserva dak ordnat jammonta ghall-agir kontravvenzjonali li jitkellem dwaru l-artikolu 338(ll). Kwindi ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma tara l-ebda mottiv 'il ghala ghandha titbieghed mid-decizjoni milhuqa mill-Ewwel Qorti.

Illi fir-rigward tal-piena inflitta mill-Ewwel Qorti, l-Qorti tosserva illi mill-fedina penalie esebita in atti f'dawn il-proceduri ta' revizjoni, l-appellanti kienet giet misjuba hatja b'sentenza tat-23 ta' Ottubru 2017 mill-Qorti tal-Magistrati li irrifjutat taghti access lill-missier ghal bintu fil-jum tat-23 ta' Mejju 2017. F'dik id-decizjoni l-appellanti giet ikkundannata reprensjoni u ammonizzjoni. Kwindi din il-Qorti ma tistax tifhem allura kif fid-decizjoni impunjata l-istess Qorti kienet tal-fehma illi kellha timponi piena ta' detenzjoni meta l-infrazzjoni kienet tirreferi ghal zmien precedenti dik indikata fl-imsemmija kundanna. Illi allura biex ikun hemm uniformita' fil-pieni din il-Qorti tqies illi fic-cirkostanzi piena li tnaqqas il-liberta' ma hijiex dik indikata iktar u iktar meta l-appellanti hija omm ta' tarbija u tifla ta' l-eta ta' sitt snin. Illi ghalhekk il-Qorti ser taghti l-ahhar opportunita lill-appellanti biex tirregola il-posizzjoni taghha u jekk jidhriha tadixxi lill-Qorti kompetenti jekk tibqa' tal-fehma illi l-interessi tal-minuri jistghu jigu kompromessi bil-ftehim vigenti li jezisti bejnha u bejn missier l-istess minuri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeceidi billi tvarja id-decizjoni impunjata. Tikkonfermaha fejn din sabet lill-appellanti hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha, izda tvarja il-piena inflitta u minflok dik ta' gimgha detenzjoni, wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberaha bil-kundizzjoni ma tikkomettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hatja bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk hija tikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta kondizzjonata.

(ft) Edwina Grima
Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur